# 52. Jekk Qatt...

Jekk qatt għad jasal żmien li lili u lilek
torbotna rabta li ma jħollha ħadd,
u wara jiġi jum li l-mewt taħtafni
minn ħdejk għal ftit taż-żmien, jekk qatt, jekk qatt,

La tiġix tibki fuq il-qabar tiegħi,
tħammar għajnejk, u xxerred ħafna dmugħ,
għaliex, taf inti, dik il-bikja tiegħek
tinfed 'il qalbi, tifni tiegħi r-ruħ.

Għax jiena ma nistrieħx fil-qabar tiegħi
qabel ma nerġa' nkun imgħannaq miegħek,
ruħi qalb iċ-ċipress tibqa' tistenna,
u ġismi qalb it-trab jibqa' jitmiegħek.

La tiġix tibki, u la tinsiex iġġibli
ranċis u vjoli, qronfol u peprin:
int taf li l-ward hu l-aqwa għaxqa tiegħi,
tinsiex iddommli wkoll il-ġiżimin;

Imm'ejja siekta sabiex tagħraf leħni
ikellmek ħiemed ħiemed qalb is-salm
li joħroġ kiebi kiebi minn ġol-frieghi
tas-siġar taċ-ċipress, l-arżnu u l-palm.

La tiġix tibki u tixher; jien imgħannaq
miegħek inkun, għalkemm il-għafsa tiegħi
inti ma tħossx, u ta' xofftejja l-bewsa
ma ġġagħ'lek li titħaddan kollok miegħi.

Bir-riedni marbutin ma' zokk ta' palma,
nistenna mewtek fuq iż-żiemel riekeb;
kif tasal, żewġt erwieħ ħelsin, nerħulha
qalb raba' u qalb widien, qalb xmux u kwiekeb.

Jekk qatt għad jasal żmien, jekk qatt, jekk qatt,
ir-rabta tagħna ma tinħall minn ħadd!